

32005R1646

L 266/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.10.2005

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1646/2005

tas-6 ta' Ottubru 2005

**jemenda Regolament (KE) Nru 2604/2000 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu poltilenu teraplatu (PET) illi joriġina mill-Indja, fost pajjiżi oħra**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

B. IL-PROCĊEDURA KIF INHI FIL-PREŻENT

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), b'mod speċjali Artikolu 11(4) ta' l-istess Trattat,

Wara li kkunsidra l-proposta magħmula mill-Kummissjoni wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## A. MIŻURI FIS-SEĦĦ

- (1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2604/2000 <sup>(2)</sup>, impona dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu poltilenu teraplatu ("PET") b'ko-efiċjent ta' viskożità ta' 78 ml/g jew aktar, skond id-DIN (Deutsche Industrienorm) 53728 ("il-prodott konċernat") normalment dikjarat fil-Kodiċi NM 3907 60 20, li joriġina, fost pajjiżi oħra, mill-Indja. Il-miżuri jieħdu l-forma ta' rata speċifika ta' dazju ta' EUR 181,7 kull tunnellata, bl-eċċezzjoni ta' importazzjonijiet minn diversi kumpanniji li jissemmew speċifikament u li huma soġġetti għal rati ta' dazju individwali.
- (2) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2603/2000 <sup>(3)</sup>, impona ukoll, fl-istess waqt, dazju kumpensatorju definittiv ta' EUR 41,3 kull tunnellata fuq importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' l-istess prodott li joriġina mill-Indja, bl-eċċezzjoni ta' importazzjonijiet minn diversi kumpanniji li jissemmew speċifikament u li huma soġġetti għal rati ta' taxa individwali.

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

<sup>(2)</sup> ĠU L 301, 30.11.2000, p. 21. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 83/2005 (ĠU L 19, 21.1.2005, p. 1).

<sup>(3)</sup> ĠU L 301, 30.11.2000, p. 1. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 822/2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 3).

## 1. Talba għal reviżjoni

- (3) Wara li imponiet miżuri definittivi, il-Kummissjoni irċeviet applikazzjoni mingħand produttur esportatur Indjan, li hu South Asian Petrochem Limited ("il-kumpannija"), biex tinbeda reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 2604/2000 skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku f'dak li jirrigwarda "esportatur ġdid". Il-kumpannija sostniet li hi ma għandha x'taqsam xejn ma' produtturi esportaturi mill-Indja li huma soġġetti għall-miżuri *anti-dumping* li huma fis-seħħ, li jirrigwardaw il-prodott konċernat. Barra minn hekk, il-kumpannija sostniet li hi ma esportax il-prodott konċernat matul il-perijodu oriġinali ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Ottubru 1998 sat-30 ta' Settembru 1999), imma esportat il-prodott konċernat lejn il-Komunità wara dak il-perijodu.

## 2. Bidu ta' reviżjoni f'dak li jirrigwarda "esportatur ġdid"

- (4) Il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza sottomessa mill-kumpannija u ddeċidiet li din hija suffiċjenti biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni skond Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. Wara l-konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv u wara li l-industrija konċernata tal-Komunità ingħatat l-opportunità biex tgħamel il-kummenti tagħha, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (KE) Nru 33/2005 <sup>(4)</sup>, tat bidu għal reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 2604/2000 f'dak li jirrigwarda l-kumpannija u bdiet l-investigazzjoni tagħha.
- (5) Skond ir-Regolament (KE) Nru 33/2005, id-dazju *anti-dumping* li ġie impost permezz tar-Regolament (KE) Nru 2604/2000, ġie mneħħi fil-każ ta' importazzjonijiet tal-prodott konċernat prodott u esportat lejn il-Komunità mill-kumpannija. Fl-istess waqt, l-awtoritajiet doganali ġew ordnati, sabiex skond Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, jieħdu passi xierqa sabiex jiġu reġistrati dawn l-importazzjonijiet.
- (6) Fl-istess waqt u għall-istess raġunijiet, wara li saret talba mill-kumpannija, il-Kummissjoni bdiet reviżjoni mgħaġġla tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea <sup>(5)</sup>.

<sup>(4)</sup> ĠU L 8, 12.1.2005, p. 9.

<sup>(5)</sup> ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Regolament emendat l-aħħar b'Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

### 3. Il-Partijiet konċernati

- (7) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-kumpannija u lir-rappreżentanti ta' l-Indja ("il-pajjiż li jesporta") li bdiel ir-reviżjoni f'dak li jirrigwarda "esportatur ġdid". Barra minn hekk, il-Kummissjoni tat l-opportunità lil partijiet oħra li huma milquta direttament, biex dawn jesprimu l-opinjoni tagħhom bil-kitba u biex jitolbu li jinstemgħu. Madanakollu, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda talba.
- (8) Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarju lill-kumpannija u rċeviet risposta fiż-żmien minnha stipulat. Il-Kummissjoni fittxet ukoll informazzjoni u vverifikat l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm *dumping*. Saret ukoll żjara fil-kwartieri tal-kumpannija sabiex jiġu verifikati l-fatti.

### 4. Il-Perijodu ta' l-investigazzjoni

- (9) L-investigazzjoni dwar id-*dumping* saret f'perijodu li dam mill-1 ta' Ottubru 2003 sat-30 ta' Settembru 2004 ("il-perijodu ta' l-investigazzjoni").

## Ċ. RIŻULTAT TA' L-INVESTIGAZZJONI

### 1. Kwalifika għal esportatur ġdid

- (10) L-investigazzjoni kkonfermat li l-kumpannija ma esportax il-prodott konċernat matul il-perijodu oriġinali ta' l-investigazzjoni u li hi bdiel tesporta lejn il-Komunità wara dan il-perijodu.
- (11) Barra minn hekk, il-kumpannija wriet b'mod sodisfaċenti li hi ma kella l-ebda konnessjoni, diretta jew indiretta, ma' xi wieħed mill-produtturi esportaturi Indjani, li huma soġġetti għall-miżuri *anti-dumping* li huma fis-seħħ fir-rigward tal-prodott konċernat.
- (12) Għaldaqstant, qiegħed jiġi kkonfermat li l-kumpannija għandha titqies bħala "esportatur ġdid" skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, u għalhekk għandu jiġi determinat marġni individwali għall-kumpannija.

### 2. Dumping

#### Valur normali

- (13) Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel ivverifikat jekk il-bejgħ lokali totali tal-kumpannija ta' PET kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-bejgħ ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Minħabba l-fatt li t-total ta' bejgħ lokali kien jammonta għal aktar minn 5 % tal-volum tat-total tal-bejgħ tal-prodotti għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, dawn ġew ikkunsidrati bħala rappreżentattivi.
- (14) Wara dan, il-Kummissjoni identifika dawk it-tipi ta' PET li nbiegħu mill-kumpannija lokalment li kienu identiċi

għat-tipi li ġew mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità jew li setgħu jiġu mqabbla direttament magħhom.

- (15) L-investigazzjoni wriet li huma żewġ tipi ta' prodotti esportati lejn il-Komunità huma identiċi għall-prodotti mibjugħa fis-suq lokali jew jistgħu jiġu mqabbla direttament magħhom. Fil-każ ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti, ġie investigat il-fatt jekk il-bejgħ fuq il-livell lokali kienx rappreżentattiv biżżejjed fir-rigward tal-bejgħ għall-esportazzjoni li jikkorrispondi miegħu. Peress li l-bejgħ fuq livell lokali fil-każ taż-żewġ prodotti kien ogħla mil-limitu ta' 5 % b'mod sinifikanti, iż-żewġ tipi ta' prodotti ġew meqjusa bħala rappreżentattivi.
- (16) Sar ukoll eżami dwar jekk il-bejgħ fuq livell lokali ta' kull tip ta' prodott setax jitqies li sar fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, u dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon tal-volum tal-bejgħ tal-prodott li hu simili għall-prodott konċernat meta dan ġie mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li hu preċiżament daqs, jew aktar għoli, mill-ispiża li ntefget għall-produtturi tiegħu (bejgħ bi qligħ) lill-konsumaturi indipendenti tat-tip in kwistjoni. Peress li l-volum ta' bejgħ bi qligħ tal-prodott konċernat irrappreżenta inqas minn 80 % imma 10 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz lokali, ikkalkolat bħala medja mwieżna ta' bejgħ bi qligħ ta' kull tip biss.

#### Prezz ta' l-esportazzjoni

- (17) Peress li l-bejgħ kollu għall-esportazzjoni tal-prodott konċernat lejn il-Komunità sar direttament lil konsumaturi indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri skond il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni li fil-fatt tħallsu jew li għandhom jitħallsu.

#### Tqabbil

- (18) Biex ikun jista' jsir tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, ingħatat, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, konċessjoni fil-forma ta' aġġustamenti minħabba differenzi li jaffettwaw it-tqabbil tal-prezzijiet.
- (19) Il-konċessjonijiet fuq bejgħ għall-esportazzjoni li ntalbu mill-kumpannija kollha ġew aċċettati. Dawn il-konċessjonijiet huma relatati ma' kummissjonijiet, trasport tal-merkanzija fuq l-art, trasport tal-mekanzija fuq il-baħar, assigurazzjoni, spejjeż relatati ma' l-ippakkjar u l-esportazzjoni tal-prodott (*handling charges*), spejjeż ta' l-ippakkjar u spejjeż tal-bank.
- (20) Fil-każ ta' bejgħ fuq livell lokali, konċessjonijiet li ntalbu minħabba kummissjonijiet, trasport ta' merkanzija fuq l-art, assigurazzjoni, spejjeż ta' l-ippakkjar u spejjeż tal-bank ġew aċċettati. Madanakollu, konċessjonijiet li ntalbu mill-kumpannija minħabba taxxa indiretta u spejjeż ta' l-importazzjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku u spejjeż konnessi ma' l-uffiċċju tal-kumpannija fuq il-bażi ta' Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku, ġew miċħuda minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn taħt.

- (21) Il-konċessjoni mitluba minħabba taxxi indiretti kienet ibbażata fuq l-argument li, meta l-konsumaturi lokali tal-kumpannija xtraw il-prodott konċernat mis-suq lokali, huma ħallsu ammont ta' taxxa tas-sisa li ma jistgħux jiġbru lura, u l-konsumaturi tal-kumpannija li jixtru l-prodott esportat m'humiex soġġetti li jħallsu din it-taxxa. Dan l-ammont ta' taxxa tas-sisa li ma jinġabarx lura mill-konsumaturi ġie ikkunsidrat bħala aġġustament tal-valur normali. Madanakollu, il-valur normali li ġie mqabbel mal-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz nett tal-bejgħ fis-suq lokali, fejn ġew esklużi t-taxxi kollha. Għaldaqstant, il-valur normali ma kienx jinkludi xi taxxa tas-sisa li għandha impatt fuq il-prezz u fuq it-tqabbil tal-prezzijiet fl-ambitu ta' l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, ġie meqjus li l-fatt li l-konsumaturi tas-suq lokali ta' produttur esportatur iħallsu t-taxxa ma jikkwalifikax bħala aġġustament taħt l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku minħabba li din it-taxxa m'hijiex "*mħallsa fuq il-prodott simili u minn materjali fiżikament inkorporati hemmhekk*." It-taxxa tas-sisa mħallsa mill-konsumaturi tas-suq lokali tal-kumpannija hija pagabbli fuq il-prezz nett tal-bejgħ tal-kumpannija u m'għandhiex impatt fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-kumpannija u l-istabbiliment tal-prezz. Peress illi xi differenza li jista' jkun hemm fuq dazji indiretti fis-suq lokali u fis-suq għall-esportazzjoni kienet diġà kkunsidrata permezz tal-tqabbil tal-prezzijiet netti tal-bejgħ fis-suq lokali tal-kumpannija mal-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-esportazzjoni, it-talba li saret mill-kumpannija għall-konċessjoni ġiet miċħuda.
- (22) Meta dan ġie żvelat, il-kumpannija argumentat li huwa irrelevanti jekk it-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni sarx fuq il-bażi tal-prezzijiet netti, jiġifieri bl-esklużjoni tat-taxxi indiretti kollha. Il-kumpannija argumentat ukoll li t-taxxa tas-sisa tiħallas fuq il-prodott simili u li din affetwat it-tqabbil tal-prezzijiet, b'hekk illi l-konsumaturi lokali ma' jergħux jiġbru lura t-taxxa kollha li ħallsu u għalhekk ikollhom iħallsu parti mit-taxxa tas-sisa. Minħabba dan, il-klijenti tagħha jkollhom iħallsu prezz fis-suq lokali li huwa oġhla minn dak li jħallsu konsumaturi fis-suq barrani. Madankollu, kif intqal iktar 'il fuq, il-prezz tas-suq lokali meqjus bħala valur normali diġà kien jeskludi t-taxxa tas-sisa u għalhekk, it-tqabbil bejn il-prezzijiet ma setax ġie affetwat. Barra minn hekk, il-kumpannija ma sottomettietx informazzjoni jew evidenza li turi li t-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni kien affetwat b'xi mod. Dawn l-argumenti kellhom jiġu miċħuda.
- (23) Il-konċessjoni mitluba għall-eżenzjoni mid-dazju ta' l-importazzjoni kienet ibbażata fuq l-argument li kull meta l-kumpannija tbiegħ il-prodott konċernat fis-suq lokali, id-dazju fuq l-importazzjoni ta' materja prima isir pagabbli fil-forma ta' taxxa tas-sisa "miżjuda". It-terminu taxxa tas-sisa "miżjuda" jirreferi għal skema ta' taxxa differenti applikabbli għall-kumpannija peress li din hija kkostitwita bħala Unità Orjentata lejn l-Esportazzjoni ("EOU"), meta mqabbla ma' kumpanniji Indjani oħra (li ma humiex Unità Orjentata lejn l-Esportazzjoni). Taħt din l-iskema, kumpanniji EOU kienu eżentati mill-ħlas tad-dazji kollha fuq l-importazzjoni ta' materja prima, imma soġġetti għal rata oġhla tat-taxxa tas-sisa f'każ li l-prodotti manifatturati minn dawn il-kumpanniji jinbiegħu fis-suq lokali. Peress li ebda taxxa tas-sisa bħal din m'hija pagabbli fuq bejgħ fis-suq barrani, il-kumpannija talbet li l-valur normali jiġi aġġustat b'dan il-mod. It-talba ġiet miċħuda minħabba li l-kumpannija xtrat materja prima mingħajr dazju, irrISPETTIVAMENT mill-fatt jekk il-prodott finali jinbiegħx lokalment jew jiġix esportat. Għalhekk, ebda dazju ta' importazzjoni ma kien impost fuq il-prodott simili u fuq materjali li huma inkorporati fiżikament fih meta dawn kienu intenzjonati għall-konsum fis-suq lokali, u mhux miġbura jew mogħtija lura fil-każ tal-prodott esportat lejn il-Komunità skond l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, it-tqabbil fil-prezz bejn is-suq lokali u dak barrani ma ġie affetwat. Ġie osservat ukoll li l-kumpannija ma gābitx provi li juru l-ħlas ta' dazju addizzjonali jew xi taxxa indiretta, ħlief it-taxxa tas-sisa fuq il-bejgħ tal-prodott finali li diġà ssemmiet fil-paragrafu (21). Fl-aħħar mill-aħħar, ma kienx possibbli li wieħed jidentifika b'mod ċar jekk u kemm mill-materja prima impurtata jew mixtrija lokalment intużat għall-produzzjoni tal-prodott finali.
- (24) Il-kumpannija talbet ukoll konċessjoni minħabba l-ispejjeż relatati mad-diversi friegħi lokali tagħha li jieħdu ħsieb il-bejgħ fuq is-suq lokali. It-talba ġiet miċħuda minħabba l-fatt li l-ispejjeż relatati mad-diversi friegħi jinkludu wkoll spejjeż relatati ma' bejgħ, spejjeż ġenerali u spejjeż amministrattivi relatati mal-bejgħ ta' prodotti li m'humiex il-prodott konċernat, liema spejjeż ma kellhomx konnessjoni diretta mal-bejgħ tal-prodott konċernat fis-suq lokali. Il-kumpannija ma wrietx jekk l-ispejjeż li ntefqu mid-diversi friegħi tagħha kellhomx impatt fuq il-prezz jew fuq it-tqabbil tal-prezzijiet. Meta dan ġie żvelat, il-kumpannija argumentat li hija tipproduċi prodott wieħed biss, li huwa l-prodott konċernat. Madanakollu, dan ikkontradixxa l-fatti. Barra minn hekk, skond Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, il-fattur relevanti sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali huwa l-prezz tal-bejgħ li sar mid-diversi friegħi tal-kumpannija lill-ewwel konsumatur indipendenti. Peress li d-diversi friegħi tal-kumpannija jagħmlu parti mill-istess entità legali u mill-istess struttura tal-kumpannija, l-argumenti tal-kumpannija ġew miċħuda u t-talba għal din il-konċessjoni ma ġie taxx milqugħa.
- Il-marġni tad-dumping*
- (25) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju mwieżen ta' kull tip ta' prodott konċernat esportat lejn il-Komunità ġie mqabbel mal-medja tal-prezz ta' l-esportazzjoni medju mwieżen ta' kull wieħed mit-tipi tal-prodott konċernat li jikkorrespondi miegħu.
- (26) It-tqabbil wera l-eżistenza ta' *dumping*. Il-marġni ta' *dumping* medju mwieżen stabbilit għall-kumpannija, espress bħala perċentwali tal-prezz fuq il-fruntiera tal-Komunità CIF jammonta għal 25,5 %.

## D. EMENDA TAL-MIŻURI LI QEGĦDIN JIĠU RIVEDUTI

- (27) Fid-dawl tar-riżultati ta' l-investigazzjoni, ġie deċiż li dazju *anti-dumping* definittiv għandu jiġi impost fil-livell tal-marġni tad-*dumping* li jinstab fil-każ, imma li, skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, dan m'għandux ikun ogħla mill-marġni ta' ħsara meħud minn madwar il-pajjiż kollu, stabbilit għall-Indja fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri preżenti.
- (28) Ebda marġni ta' ħsara individwali ma jista' jiġi stabbilit fil-każ ta' reviżjoni li tirrigwarda esportatur ġdid, u dan peress li l-investigazzjoni, skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, hija limitata biss għall-eżami tal-marġni tad-*dumping* individwali. Għalhekk, il-marġni tad-*dumping* ġie mqabbel mal-marġni ta' ħsara meħud minn madwar il-pajjiż kollu kif stabbilit għall-Indja mir-Regolament definittiv. Peress li dan ta' l-aħħar kien ogħla mill-marġni tad-*dumping*, il-livell tal-miżuri għandu jiġi bbażat fuq il-marġni tad-*dumping*.
- (29) Skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 2026/97, l-ebda

prodott m'għandu jkun soġġett kemm għal dazji *anti-dumping* kif ukoll għal dazji kumpensatorji fl-istess waqt, biex jindirizza sitwazzjoni waħda li tirriżulta minn *dumping* jew minn sussidju għall-esportazzjoni.

- (30) Fir-reviżjoni parallela tar-Regolament (KE) Nru 2603/2000 li saret b'mod mgħaġġel, ġiet stabbilita għall-kumpannija rata waħda ta' dazju kumpensatorju ta' EUR 106,5 kull tunnellata li tikkorrispondi ma' rata ta' dazju kumpensatorju *ad valorem* ta' 13,9 %.
- (31) Peress li nstab li s-sussidji kollha fir-reviżjoni parallela li saret b'mod mgħaġġel, kienu sussidji fuq l-esportazzjoni, id-dazju *anti-dumping* għandu jiġi aġġustat biex jirrifletti l-marġni attwali *anti-dumping* li jibqa' wara li jiġu imposti dazji kumpensatorji maħsuba biex jibbilanċjaw l-effetti ta' dawn is-sussidji.
- (32) Għalhekk, id-dazju *anti-dumping* applikabbli għall-prezz fuq il-fruntiera tal-Komunità CIF u wara li jiġu kkunsidrati r-riżultati tal-proċedura parallela ta' kontra s-sussidji, għandu jkun:

Kumpannija	Marġni ta' ħsara	Marġni tad- <i>Dumping</i>	Rata ta' dazju kumpensatorju	Rata ta' dazju <i>anti-dumping</i>	Dazju <i>anti-dumping</i> propost (EUR/tunnellata)
South Asian Petrochem Limited	44,3 %	25,5 %	13,9 %	11,6 %	88,9

## E. IMPOŻIZZJONI RETROATTIVA TAD-DAZJU ANTI-DUMPING

- (33) Peress li r-reviżjoni wriet li kien hemm *dumping* mill-kumpannija, id-dazju *anti-dumping* applikabbli għall-kumpannija għandu jiġi impost retroattivament fuq importazzjonijiet tal-prodott konċernat li saru soġġetti għar-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 33/2005.

- (36) Sabiex jiġu żgurati ħarsien u monitoraġġ effettivi ta' dak l-impenn, meta tiġi ppreżentata t-talba għal ċirkolazzjoni ħielsa skond l-impenn, l-eżenzjoni mid-dazju hija marbuta mal-kundizzjoni li tiġi ppreżentata "Fattura Kummerċjali" lis-servizzi doganali ta' l-Istat Membru konċernat, maħruġa mill-kumpannija u li jkun fiha l-informazzjoni speċifikata fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2604/2000. Jekk din il-fattura ma tiġix ippreżentata, jew jekk il-fattura ma tikkorrispondix mal-prodott ippreżentat lid-dwana, għandha tkun pagabbli r-rata xierqa *anti-dumping* sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' l-impenn.

## F. IMPENN

- (34) Il-kumpannija offriet impenn tal-prezz li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-prodott konċernat lejn il-Komunità, u dan skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku.

- (37) F'każ ta' ksur jew irtirar ta' l-impenn, jista' jiġi impost dazju *anti-dumping* skond l-Artikolu 8(9) u (10) tar-Regolament bażiku.

## G. ŻVELAR U TUL TA' ŻMIEN TAL-MIŻURI

- (35) Wara li eżaminat l-offerta, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-impenn huwa aċċettabbli peress li dan jelimina l-effetti negattivi tad-*dumping*. Barra minn hekk, ir-rapporti regolari u dettaljati li l-kumpannija impenjat ruħha li tipprovdi lill-Kummissjoni jiżguraw monitoraġġ effettiv. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li n-natura tal-prodott u l-istruttura ta' kif isir il-bejgħ fil-kumpannija huma tali li r-riskju li jiġi evitat dak l-impenn huwa limitat.

- (38) Il-kumpannija ġiet infurmata bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li jiġi impost dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet tagħha lejn il-Komunità u nġhatat l-opportunità biex tikkumenta.

(39) Din ir-reviżjoni ma taffetwax id-data ta' meta r-Regolament (KE) Nru 2604/2000 jiskadi skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 2604/2000, fit-tabella, taħt il-produtturi mill-Indja, għandu jiġi miżjud dan li ġej:

Pajjiż	Kumpannija	Dazju definittiv (EUR/t)	Kodiċi addizzjonali TARIC
"Indja	South Asian Petrochem Limited	88,9	A585"

2. Id-dazju hawn impost għandu jiġi impost ukoll retroattivament fuq importazzjonijiet tal-prodott konċernat li ġew reġistrati skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 33/2005.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Ottubru 2005.

3. Minkejja l-paragrafu 1, id-dazju *anti-dumping* definittiv m'għandux japplika f'każ ta' importazzjonijiet ta' prodotti rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa skond l-Artikolu 2.

4. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

#### Artikolu 2

Fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku (KE) Nru 2604/2000, fit-tabella, taħt il-produtturi mill-Indja, għandu jiġi miżjud dan li ġej:

Kumpannija	Pajjiż	Kodiċi addizzjonali TARIC
"South Asian Petrochem Limited	Indja	A585"

#### Article 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għall-Kunsill  
Il-President  
A. DARLING